

Brussell, 20 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7547/26  
ADD 1

COPEN 101  
COTER 40  
CT 38  
ENFOPOL 106  
JAI 380

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 137 annex
Suġġett:	ANNESS tar- Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l- Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 137 annex.

---

Mehmuż: COM(2026) 137 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.3.2026  
COM(2026) 137 final

ANNEX

ANNEX

tar-

**Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewopea, tal-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu**

## ANNEX

### Test finali tal-Protokoll

COUNCIL OF EUROPE



CONSEIL DE L'EUROPE

### **Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu**

#### **Edizzjoni Proviżorja**

#### **Preambolu**

L-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Partijiet l-oħra għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (CETS Nru 196, minn hawn' il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"), firmatarji għal dan il-Protokoll,

Wara li kkunsidraw li l-Kunsill tal-Ewropa għandu l-għan li jikseb għaqda akbar fost il-membri tiegħu;

Filwaqt li jfakkru fil-ħtieġa li tissaħħaħ il-għlieda kontra t-terroriżmu fil-forom kollha tiegħu, fl-Ewropa u globalment, u filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam tal-għlieda kontra t-terroriżmu mal-Partijiet l-oħra għall-Konvenzjoni;

Filwaqt li jirrikonoxxu li r-reati terroristiċi u r-reati stabbiliti fil-Konvenzjoni u f'dan il-Protokoll, irrispettivament mill-awturi, taħt l-ebda ċirkostanza ma huma ġustifikabbli minn kunsiderazzjonijiet ta' natura politika, filosofika, ideoloġika, razzjali, etnika, reliġjuża jew natura simili oħra;

Filwaqt li jaffer maw mill-ġdid li l-miżuri għall-prevenzjoni jew it-trażżin ta' reati terroristiċi f'dan il-Protokoll għandhom ikunu f'konformità mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rilevanti, b'mod partikolari dawk minquxa fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ETS Nru 5), kif ukoll obbligi oħra skont id-dritt internazzjonali, inkluż, fejn applikabbli, id-dritt umanitarju internazzjonali.

Filwaqt li jikkunsidraw li tfaċċaw sfidi ġodda fil-għlieda kontra t-terroriżmu minn meta ġew adottati l-Konvenzjoni u l-Protokoll Addizzjonali tagħha (CETS Nru 217), b'mod partikolari relatati mal-fatt li ħafna terroristi biddlu l-*modus operandi* tagħhom billi wettqu atti kriminali b'għan terroristiku lil hinn minn dawk inklużi fit-trattati kontra t-terroriżmu li jinsabu fl-appendiċi għall-Konvenzjoni;

Filwaqt li jikkunsidraw il-ħtieġa li tiġi adottata definizzjoni legali usa' u aktar xierqa ta' reati terroristiċi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi kontemporanji u futuri kontra t-terroriżmu,

Ftiehmu kif ġej:

## **Artikolu 1 – Definizzjonijiet**

It-test tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“1 Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, “reat terroristiku” tfisser:

– kwalunkwe reat fil-kamp ta' applikazzjoni ta' wieħed mit-trattati elenkati fl-appendiċi u kif definit fih; jew

– kwalunkwe wieħed mill-atti li ġejjin, kif definiti bħala reati skont id-dritt domestiku, li minħabba n-natura jew il-kuntest tagħhom jistgħu jagħmlu ħsara serja lil pajjiż jew lil organizzazzjoni internazzjonali, meta jitwettqu intenzjonalment u b'wieħed mill-għanijiet elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-artiklu:

a attakki fuq il-ħajja ta' persuna li jistgħu jikkawgħaw il-mewt;

b attakki fuq l-integrità fiżika ta' persuna;

c ħtif ta' persuni;

d ikkawżar ta' qerda estensiva fuq faċilità tal-gvern jew pubblika, sistema ta' trasport, faċilità infrastrutturali, post pubbliku jew proprjetà privata li x'aktarx li tipperikola l-ħajja tal-bniedem jew tirriżulta f'telf ekonomiku kbir;

e sekwestru ta' mezzi tat-trasport pubbliku jew tal-merkanzija, għajr inġenji tal-ajru u bastimenti;

f manifattura, pussess, akkwist, trasport, provvista jew użu ta' armi, inklużi armi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi jew nukleari, kif ukoll ir-riċerka rigward l-armi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi jew nukleari u l-iżvilupp tagħhom;

g rilaxx ta' sustanzi perikolużi, jew ikkawżar ta' nirien jew għargħar, li l-effett tagħhom huwa li jipperikola l-ħajja umana;

h interferenza jew tfixkil tal-provvista ta' ilma, enerġija jew kwalunkwe riżors naturali u fundamentali, li l-effett tagħhom ikun li jipperikolaw il-ħajja tal-bniedem;

i interferenza f'sistema jew f'data li tikkawża ħsara estensiva lil sistema tal-informazzjoni jew tal-kompjuter;

j theddid li jitwettaq kwalunkwe wieħed mill-atti elenkati fil-punti (a) sa (i).

2 L-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu huma

a intimidazzjoni serja tal-popolazzjoni;

b ġeġħil mhux xieraq lil gvern jew organizzazzjoni internazzjonali biex iwettqu jew jibqgħu lura milli jwettqu kwalunkwe att;

c li jgħarrqu serjament jew ikissru l-istrutturi politiċi, kostituzzjonali, ekonomiċi jew soċjali fundamentali ta' pajjiż jew organizzazzjoni internazzjonali.”

## **Artikolu 2 – Iffirmar u ratifika**

Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-iffirmar mill-Partijiet għall-Konvenzjoni. Huwa għandu jkun soġġett għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. L-istrumenti tar-ratifika, tal-aċċettazzjoni jew tal-approvazzjoni għandhom ikunu ddepożitati mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

### **Artikolu 3 – Dħul fis-seħħ**

1 Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara l-iskadenza ta' perjodu ta' 3 xhur wara d-data li fiha l-Partijiet kollha għall-Konvenzjoni jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jkunu marbuta mill-Protokoll skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll.

2 Jekk il-Protokoll ma jidħolx fis-seħħ skont il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, wara l-iskadenza ta' perjodu ta' 3 snin wara d-data li fiha ikun infetaħ għall-iffirmar, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ għal dawk l-Istati li jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bih skont il-paragrafu 1, dment li l-Protokoll emendatorju jkun ġie ratifikat minn mill-inqas żewġ terzi tal-Partijiet għall-Konvenzjoni. Bejn il-Partijiet għall-Protokoll, id-dispożizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni emendata għandu jkollhom effett immedjatament mad-dħul fis-seħħ.

3 Sakemm jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-seħħ u l-adeżjoni minn Stati mhux membri, Parti għall-Konvenzjoni tista', fil-mument tal-iffirmar ta' dan il-Protokoll jew fi kwalunkwe mument aktar tard, tiddikjara li se tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll fuq bażi proviżorja. F'każijiet bħal dawn, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom japplikaw biss fir-rigward tal-Partijiet l-oħra għall-Konvenzjoni li jkunu għamlu dikjarazzjoni bl-istess effett. Tali dikjarazzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-data li fiha s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa jkun irċeviha.

### **Artikolu 4 – Dikjarazzjonijiet relatati mal-Konvenzjoni**

Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, fir-rigward tal-Partijiet li jkunu daħħlu dikjarazzjoni waħda jew aktar skont l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni, tali dikjarazzjonijiet jiskadu.

### **Artikolu 5 – Riżervi**

L-ebda riżerva ma tista' ssir fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

### **Artikolu 6 – Notifiki**

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lill-Istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa u u kwalunkwe Parti għal din il-Konvenzjoni:

a b'kull firma;

b bl-introduzzjoni ta' kwalunkwe strument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni;

c bid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll skont l-Artikolu 3;

d bi kwalunkwe att, notifika jew komunikazzjoni oħra relatata ma' dan il-Protokoll.

B'xhieda ta' dan, is-sottoskritti, awtorizzati kif jixraq għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmula fi [...], dan il-[...] jum ta' [...], bil-lingwa Ingliża u Franċiża, biż-żewġ testi ugwalment awtentiċi, f'kopja waħda li għandha tiġi ddepożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jittrażmetti kopji ċertifikati lil kull Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Partijiet l-oħra għall-Konvenzjoni, u lil kwalunkwe Stat li jkun ġie mistieden jaderixxi mal-Konvenzjoni.